**7 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

John R. Portelli *noe*

*versus*

*C. Fino & Sons Limited*

**Pubbliċità - *Advertising Agent* - Servizzi ta' Reklamar - *Public Relations* u *Marketing* - *Television Commercials* - Preskrizzjoni - Artikoli 2148 (a) u 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili**

*Meritu essenzjalment ta' provi. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat ħlief għall-kap ta' l-ispejjeż is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u kkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas parti mis-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni għal servizzi ta' esekuzzjoni ta'* television commercials.

*Forsi l-aspetti l-aktar intressanti tas-sentenzi huma dawk li eżaminaw il-preskrizzjoni applikabbli. Il-Qorti ta' l-Appell iċċitat b'approvazzjoni l-konklużjonijiet ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi għat-talba attriċi ma kinitx applikabbli l-preskrizzjoni la tat-tmintax-il xahar (artikolu 2148 (a)) tal-Kodiċi Ċivili u lanqas dik tas-sentejn (artikolu 2149 (ċ)) tal-Kodiċi Ċivili. In konnessjoni ma' l-aħħar artikolu indikat il-Qorti ta' l-Appell iddistingwit* service industry *minn professjoni jew arti.*

Il-Qorti:-

*Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-*Kummerċ ta' l-14 ta' Marzu, 1994 li tinqara hekk:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-22 ta' Mejju, 1991, *li bih l-attur, wara li ppremetta illi fuq* inkarigu tal-konvenuti *nomine* s-soċjetà attriċi kienet esegwiet ħames *television commercials* jiġifieri serje ta' reklami fuq it-televiżjoni, li għalihom is-soċjetà attriċi kienet issottokuntratt il-kumpannija "Createl" bibex jiffilmjawhom;

U billi ħlief depożitu ta' tliet mitt lira (Lm300) il-konvenut *nomine* ma ħallsu ebda parti mill-bilanċ ta' prezz miftiehem, ċjoè bilanċ ta' elf, mitejn u disgħin lira (Lm1,290) għax wara li x-xogħol ġie aċċettat u mxandar huma bdew isostnu li kien hemm xi difetti fil-*commercials* (ara *Invoice* Dok. A);

U billi, avolja l-konvenuti *nomine* baqgħu ma ċċarawx f'hix ikkonsistew id-difetti allegati, is-soċjetà attriċi offritilhom *discount* ta' tliet mija u sebgħa u tmenin lira (Lm387) - u ħarġitilhom *credit note* relattiva (ara *credit note* Dok. B);

U billi l-konvenuti *nomine* baqgħu jiddilagaw dwar pagament mitlub, u jinjoraw l-*invoices* u r-*reminders* (ara *Invoice* Dok. C); u t-tentattivi tas-soċjetà attriċi li tasal f'xi *arranġament bonarju (bħal re-shotting parzjali minflok id-discount offer)* sfaw fix-xejn għax il-konvenuti *nomine* bdew jippretendu affarijiet impossibbli (ara ittra legali Dok. D);

L-istess attur *nomine* talab li dina l-Qorti:

Tillikwida l-ammont dovut lill-attur *nomine* bħala li

jammonta għall-bilanċ oriġinali ta' elf, mitejn u disgħin lira Maltija (Lm1,290) u tikkanonizzah kreditur (prevja li tiddikjarahom dekauti mid-*discount* offert) tal-konvenuti *nomine* fl-imsemmi ammont, oltre l-imgħax kummerċjali fuq dina s-somma b'effett mis-17 ta' Settembru, 1987, id-data ta' l-*Invoice*, Dokument A hawn esebita, u

Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* għall-ħlas relattiv;

Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-9 ta' Ottubru, 1990 - esebita bħala Dokument D;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li biha eċċepew;

Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni bl-għeluq tat-tmintax-il xahar skond l-artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);

Bla preġudizzju għall-permess fil-meritu t-talbiet ta' l-attur *nomine* huma nfondati fil-fat u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu peress li l-ġbid tat-*television commercials* ma sarx skond is-sengħa u l-arti;

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-Liġi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti *nomine* li biha eċċepew:

Bla preġudizzju għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni skond l-artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili, jeċċepixxu ukoll il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni bl-għeluq ta' sentejn skond l-artikolu 2149 (ċ) tal-Kodiċi Ċivili;

*Eżaminat il-provi li ressqu l-kontendenti u rat l-atti l-oħra* kollha tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri u kkunsidrat bir-reqqa n-noti ta' osservazzjonijiet li skambjaw bejniethom;

Ikkunsidrat:

Irriżulta li s-soċjetà konvenuta inkarigat lis-soċjetà attriċi biex tieħu ħsieb produzzjoni u t-trasmissjoni ta' ħames *television commercials tliet biex jirreklamaw il-kmamar tas-*sodda u tnejn biex jirreklamaw kċejjen li s-soċjetà konvenuta timmanifattura;

Irriżulta li s-soċjetà attriċi inkarigat lis-soċjetà "Createl Services" biex tipproduċi dawn il-*films*. Mid-dokument a fol. 5 tal-proċess jirriżulta li l-prezz li kellu jitħallas lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta kien ta' Lm1,590 dovuta kwantu għal *Lm1,540 għax-xogħol u sejjeż ta' "Createl" u kwantu għal* Lm50 drittijiet ta' John Portelli għal kitba ta' l-iskript u tas-superviżjoni. Irriżulta li s-soċjetà konvenuta ħallset depożitu ta' Lm300 u għalhekk *kien hemm bilanċ ta' Lm1,290;*

Irriżulta li fil-25 ta' Ġunju, 1987, is-soċjetà attriċi kitbet lit-Telemalta Corporation, eżattament lil Xandir Malta sabiex tirriserva t-trasmissjoni tar-reklami fuq il-Malta Television *f'ċerti dati u ħinijiet speċifikati matul ix-xahar ta' Lulju 1987.* Fit-3 ta' Lulju, 1987, ġie ffirmat tratt (No. 800/87) bejn is-soċjetà attriċi (bħala *agency*) għan-nom tas-soċjetà konvenuta (bħala *advertiser*) ma' *Xandir Malta biex isiru ħmistax-il* trasmissjoni tar-reklami matul Lulju, 1987 għall-ħlas ta' Lm1,365;

Irriżulta ukoll li s-soċjetà konvenuta mill-ewwel deħret li

ma kinitx pjenament sodisfatta bil-films prodotti u trsmessi u għalkemm informat b'dan il-fatt lill-attur *nomine*, però xorta waħda ppermettiet li ċ-ċiklu sħiħ tar-reklamar kif irriservat fuq T.V.M. ikun trasmess lill-pubbliku;

Irriżulta li fit-12 ta' Awissu, 1987, is-soċjetà attriċi kitbet lis-soċjetà konvenuta biex tħallas il-kont ta' Xandir Malta. Dan il-kont, fil-fatt, ġie eventwalment imħallas minn din is-soċjetà u l-pagament relattiv (b'xi tnaqqis żgħir) ġie mgħoddi mis-soċjetà attriċi lil Xandir Malta fl-24 ta' Diċembru, 1987;

Irriżulta li fis-17 ta' Settembru l-attur *noe* kien kiteb lis-soċjetà konvenuta biex tħallas il-bilanċ ta' Lm1,290. Is-soċjetà attriċi ħasset il-ħtieġa li tagħti din l-assikuarazzjoni lis-soċjetà konvenuta fuq it-talba għall-ħlas ta' dan il-bilanċ:

"*It is expressly understood that should these commercials be found to be partially unacceptable for whatever reason, they will be finished to client's satisfaction without any increase in above costs*";

Din l-assikurazzjoni ngħatat billi s-soċjetà konvenuta baqgħet tinsisti li r-reklami ma kinux sodisfaċenti u kienet qiegħda tirrifjuta li tħallas dak il-kont. Però s-soċjetà konvenuta kienet lesta li tħallas jekk is-soċjetà attriċi tirranġa r-reklami;

Irriżulta li ż-żmien beda għaddej u l-partijiet ma sabux soluzzjoni bonarja billi s-soċjetà konvenuta biddlet ix-*showroom* tagħha u x'aktarx anke l-prodott tagħha u l-attur ma aċċettax li pratikkament jagħti lill-konvenuti *two advertising campaigns for the price of one*. L-attur offra *discount* speċjali ta' Lm387 bħala l-aħħar tentattiv biex isolvi l-kwistjoni bonarjament iżda dan il-ġest ġie rrifjutat mill-konvenuti li baqgħu jinsistu sa l-aħħar li m'għandhom iħallsu xejn iżjed *lill-*

attur *nomine*;

Ikkunsidrat

Illi d-difiża tal-konvenuti tqiegħdet fuq żewġ bażijiet - waħda kkonċepita fuq il-preskrizzjoni u l-oħra li r-reklami ma sarux skond is-sengħa u l-arti;

Ikkunsidrat dwar il-preskrizzjoni a bażi ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);

Illi din id-disposizzjoni tipprovdi li jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmintax-il xahar l-azzjonijiet tal-ħajjata, skarpan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz ta' *l-opri jew xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li* jfornu;

Irriżulta li s-soċjetà attriċi tagħti servizz ta' konsistenza dwar reklamar, *public relations* u *marketing*. Fil-każ odjern l-inkariku li ngħatalha mis-soċjetà konvenuta kien li taħseb għall-produzzjoni ta' ħames films televiżivi qosra biex jirreklamaw mal-pubbliku kċejjen u kmamar tas-sodda mmanifatturati minnha kif ukoll li tibbukkja spazju televiżiv partikolari għat-trasmissjoni tar-reklami fuq it-*television* Malti u li tara li t-*trasmissjonijiet jiġu debitament imxandra*;

Illi fil-fehma kkonsiderata tal-Qorti, dan it-tip ta' servizz mitlub u mogħti mis-soċjetà attriċi la huwa affini għas-snajja' li jissemmew fl-artikolu 2148 (a) u lanqas jista' raġonevolment jiġi inkluż fil-frażi:

"ta' *persuni* oħra li *jaħdmu* sengħa jew arti mekkanika";

meta wieħed iżomm quddiem għajnejh prinċipju sagrosant f'materja odjuża ta' preskrizzjoni li d-disposizzjonijiet relattivi għandhom jiġu interpretati b'mod ristrettiv;

Illi għalhekk din il-preskrizzjoni ma tiġix applikabbli għall-każ odjern;

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a bażi ta' l-artikolu 2149 (a) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);

Din il-preskrizzjoni hija ta' sentejn u tolqot l-azzjonijiet ta' l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinera ċivili u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra. Tolqot l-azzjoni ta' dawn il-professjonisti għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;

Issa, fil-każ odjern, is-soċjetà attriċi inkarigat lil terzi persuni sabiex l-idea li *s-soċjetà konvenuta li riedet tittrasmetti* lill-pubbliku *tingħata forma materjali* biex il-messaġġ ikun jista' jasal għand il-pubbliku televiżiv. Irriżulta li s-soċjetà attriċi ħejjiet il-pjan neċessarju, inkariga lil John Portelli biex jikteb l-iskript, iżomm il-kuntatti neċessarji u jagħmel superviżjoni. Inoltre, qabdet *lil* Createl Services biex jipproduċi *l*-ħames *films* televiżivi ta' tletin sekonda l-wieħed. Din il-produzzjoni ta' videos promozzjonali fil-fatt ġiet esegwita minn Alan Meadows li rċieva depożitu ta' Lm300 direttament mingħand is-soċjetà konvenuta (ara fol. 29). Tliet *films* inħadmu fix-*showrooms* tas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà attriċi, inoltre, applikat għan-nom tas-soċjetà konvenuta biex tingħata *television airtime* u ffirmat il-kuntratt relattiv (ara fol. 42) bħala l-aġent ta' l-*advertiser*, ċjoè s-soċjetà konvenuta;

Illi fil-fehma kkonsidrata tal-Qorti, dawn is-serviġi li s-soċjetà attriċi rrendiet lis-soċjetà konvenuta ma jistgħux jiġu

kkunsidrati li jekwivalu għal xogħol professjonali jew eżerċizzju ta' arti liberali fis-sens ta' l-artikolu 2149 (ċ) kif joħroġ mill-elenku tal-professjonijiet li jissemmew f'dik id-disposizzjoni. Kif diġà ntqal, huwa neċessarju li ma tingħatax interpretazzjoni lid-disposizzjoni msemmija billi f'materja ta' preskrizzjoni li hi ta' indoli eċċezzjonali, il-ġurisprudenza fit-tribunali tagħna ssostni li d-disposizzjonijiet tal-liġi ma għandhomx jiġu interpretati estensivament, u ma jistgħux jiġu estiżi minn każ għall-ieħor (ara per eżempju Kollezz. Vol. XLI.II.892);

Illi għalhekk anke l-preskrizzjoni a bażi ta' l-artikolu 2149 (ċ) mhijiex applikabbli għall-każ odjern u konsegwentement iż-żewġ eċċezzjonijiet huma rriġettati;

*Ikkunsidrat dwar il-meritu;*

Illi l-attur qiegħed isostni li l-videos promozzjonali meritu tal-kawża saru *skond l-arti u s-sengħa billi kienu ta' standard* normali għal dan it-tip ta' reklamar, meqjuż ukoll l-ispiża li kienet involuta. Is-soċjetà konvenuta min-naħa l-oħra qiegħda ssostni li r-reklami kienu xotti, fjask u mill-ewwel ma ntogħġbux u kien fihom nuqqas ta' professjonalità fix-xogħol tal-fotografija. Il-konvenuti stqarrew li l-films ma kellhomx preżentazzjoni tajba, ma kinux *up to standard.* Il-kriterju li l-konvenuti użaw biex jivvalutaw il-*films* kien dan:

"Reklam malli tarah tista' tgħid jekk hux tajjeb jew le. Jekk jolqot l-għajn ikun tajjeb, jekk le ma jkunx";

Meta l-konvenut Lawrence *Fino* ġie *mitlub in kontro-eżami* sabiex jispeċifika b'mod dettaljat għaliex ix-xogħol ta' reklamar li għamlet is-soċjetà attriċi ma kienx sodisfaċenti, ix-xhud wieġeb hekk:

*"Jiena mhux tekniku u ma nistax nghid bi preċiżjoni* ghaliex. Però, nghid li x-xoghol ma ghoġobnix u rajtu illi ma jaghmilx ġid lill-kumpannija. Jiena hassejt li da parti ta' l-attur kien hemm nuqqas ta' professjonalità fix-xoghol ta' fotografija. jiena kkonfermajt dan meta l-attur *qalli li kien lest jerġa' jiġbed il-film*. Imbaghad qalli li l-post żghir ...";

Illi x-xhud ta' l-attur Alan Meadows li ha hsieb il-*produzzjoni tal-videos promozzjonali in kwistjoni* stqarr *hekk*:

"Nista' nghid illi sal-ġurnata tal-lum hadd ghadu ma *speċifikali eżattament* x'hemm hażin f'dawn il-*films*. Dana billi jiena kont lest li jekk kien hemm xi haġa li ma kinitx ghas-sodisfazzjon tal-konvenuti, jiena kont lest li nbiddilha ...;

Biex inżommu relazzjonijiet tajbin mal-klijenti taghna o*ffrejna anke li* naghtu skont *lis-soċjetà* konvenuta *iżda* apparentement lanqas din l-offerta ma ġiet aċċettata";

*Illi din* il-Qorti jidhrilha li l-piż tal-prova ta' l-allegazzjoni li r-reklami ma sarux skond is-sengha u l-arti jinkombi fuq min ghamel din l-allegazzjoni cjoè l-konvenuti. Is-soċjetà attriċi inkarikat ghall-produzzjoni tal-*films* lil persuna armata snin twal ta' esperjenza f'dan ix-xoghol;

'Illi l-*films* in kwistjoni la ġew esebiti u lanqas qatt ma ġew murija lill-Qorti. Ghalhekk il-Qorti trid tifforma l-ġudizzju *taghha mhux* biss fl-assenza ta' din il-prova *iżda* ukoll fl-assenza *ta'* opinjoni esperta *ta' bniedem tekniku li s-soċjetà* konvenuta kien imissha talbet li jiġi nnominat jekk verament riedet taghmel l-ahjar prova ta' l-allegazzjoni taghha;

*Konsiderazzjoni importanti ohra hi li s-soċjetà konvenuta* ghalkemm informat lill-attur li l-*films* ma kinux joghġbuha, però

xorta waħda ppermettiet li l-kampanja ta' reklamar televiżiva tieħu l-kors normali tagħha bit-trasmissjoni tal-*films* allegatament insodisfaċenti;

Dan il-fatt abbinat mal-fatt l-ieħor li s-soċjetà konvenuta ħallset il-kont kollu ta' Xandir Malta jxaqleb lill-Qorti li tiddeżumi li minkejja t-tgergir tal-konvenuti huma spiċċaw biex approvaw tajjeb jew ħażin il-*videos* promozzjonali in kwistjoni. Li kieku dawn il-*videos* kienu verament kif allegaw il-konvenuti - fjask - kieku qatt ma messhom ippermettew li t-televiżjoni lokali tkompli tittrasmettihom għal ħmistax-il darba;

Konsegwentement l-allegazzjoni tal-konvenuti li l-*films* ma kinux skond l-arti u s-sengħa ma ġietx sodisfaċentement ippruvata u għalhekk ma tistax tintlaqa';

Ikkunsidrat dwar il-bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi;

Illi l-bilanċ oriġinali dovut kien ta' Lm1,290. Fis-17 ta' Settembru, 1987, l-attur *nomine* ta lis-soċjetà konvenuta l-assikurazzjoni li ssemmiet f'parti preċedenti ta' din is-sentenza (ara dok. A a fol. 5). Fil-fatt meta l-konvenuti baqgħu jinsistu li ma kinux sodisfatti u meta l-attur ra li ma setgħax jirranġa l-*films* billi l-konvenuti ma ressqu qatt ilmenti tenkiċi u speċifiċi, huwa b'sens ta' *bona fede* kkonċeda skont konsiderevoli permezz tal-*credit note* tad-19 ta' Jannar, 1989 a fol. 6 tal-proċess. Fiċ-ċitazzjoni l-attur qiegħed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti ddekadew mid-*discount* in kwistjoni fl-ammont ta' Lm387;

Fil-fehma kkonsiderata tagħha l-Qorti ma tistax tilqa' din il-pretensjoni ta' l-attur billi meta din il-konċessjoni ngħatat ma jidhirx li ġiet marbuta ma' ebda kondizjoni. Għalhekk l-istess skont la darba ġie mogħti inkondizzjonalment ma jistax jiġi

rtirat. Għalhekk il-bilanċ dovut huwa ta' Lm903 - bl-imgħax kummerċjali dekorribbli mis-17 ta' *Settembru, 1987;*

Għal dawn il-motivi:

Prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine*, tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur *nomine* fis-sens li *tillikwida l-*ammont dovut lill-attur *nomine* limitatament għas-somma ta' Lm903 (disa' mija u tliet liri Maltin) - bl-imgħax kummerċjali dekorribbli mis-17 ta' Settembru, 1987, u tilqa' t-tieni talba fis-sens li tikkundanna lill-konvenuti *nomine* li jħallsu din is-*somma u mgħax lill-attur nomine - bl-ispejjeż kontra tagħhom*";

Rat il-petizzjoni tal-konvenuti *nomine* li biha talbu li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ċaħdet it-talba ta' l-attur *nomine* li tiddikjara li l-konvenuti *nomine* iddekadew mid-*discount* ta' Lm387 u tirrevokaha għall-kumplament u b'hekk tiċħad *in toto* t-talbiet kollha ta' l-attur *nomine* appellat u tilqa' l-eċċezzjonijiet u l-aggravji tal-konvenuti *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine* appellat;

Rat l-appell inċidentali ta' l-attur *nomine* li bih talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi tillikwida l-ammont dovut mill-appellanti bħala bilanċ ta' Lm1,290 (elf, mitejn u disgħin lira) flok Lm903, bl-imgħax kummerċjali mis-17 ta' Settembru, 1987, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-appellanti huma s-segwenti:

"Kuntrarjament għal dak deċiż mill-Qorti tal-Kummerċ hemm il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tas-Soċjetà appellata ta' almenu waħda miż-żewġ artikoli tal-Kodiċi Ċivili invokati, u ċjoè, l-preskrizzjoni ta' sena u nofs abbażi ta' l-artikolu 2148 (a) jew dik ta' sentejn abbażi ta' l-artikolu 2149 (ċ) għall-azzjoni ta' l-attur *nomine* li qed jitlob ħlas ta' ġbid *on site* ta' ħames reklami ta' kċejjen u kmamar tas-sodda u wara murija fuq it-televiżjoni;

Illi l-preskrizzjoni skond l-artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili tolqot l-azzjonijiet ... ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika għall-prezz ta' l-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom jew tal-mterjali li jfornu" filwaqt li l-artikolu 2149 (ċ) tal-Kodiċi Ċivili jolqot "l-azzjonijiet ... ta' persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħha u għall-ispejjeż li jkunu għamlu". Naturalment, l-artikoli tal-Liġi kkwotati għandhom jiġu interpretati mhux b'mod ristrettiv u jvarjaw minn każ għal każ (ara **Vella** ***noe vs*** **Formosa** ***noe*** deċiża Kummerċ per Imħallef Camilleri u riportat fit-*Times* fl-14 ta' Awissu, 1989) u fl-ispirtu tal-lum għax meta dawn l-artikoli tal-Kodiċi Ċivili ġew ippromulgati ma kinux jeżistu *cameras* u *videos* jew televiżjoni u l-ebda mill-ġbid u produzzjoni ta' *films* b'mezzi tekniċi kif nafuhom illum;

Illi l-artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili jsemmi kif ġà ngħad "azzjonijiet ... ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika" (fist-test Taljan *operaio*). Is-servizz li tagħti s-soċjetà appellata u ċjoè bħala *producer* u ġbid ta' *films* li naturalment jinvolvi ġbid ta' *films on site* bil-*cameras* u mezzi oħra sofistikati tal-lum fil-fotografija u wara jintwerew fuq it-

televiżjoni tista' faċilment tikklasifika bħala "sengħa jew arti mekkanika" għax dan il-kwalità ta' xogħol neċessarjament jinvolvi ċerta sengħa jew arti biex bil-*cameras* u *videos* tagħżel l-aħjar angoli inti u tiġbed il-*films*;

Illi l-artikolu 2149 (ċ) tal-Kodiċi Ċivili min-naħa l-oħra jolqot "l-azzjonijiet ... ta' persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu". L-attur bħala l-*managing director* tas-soċjetà Aspect Limited, li huwa *producer* ta' *films on site* bil-*cameras, videos* u mezzi sofistikati oħra fil-fotografija huwa professjonista *per se* u jeżerċita arti liberali. F'dan il-każ l-attur *nomine* ġibed tliet *films* fuq għamara fis-*showroom* tas-soċjetà appellanti, waqt li ż-żewġ *films* l-oħra inħadmu fl-*istudio* fotografiku fuq bażi ta' *slides,* u wara li kiteb l-iskript l-attur *nomine* bbukkja l-ispazju biex il-*films* u r-ritratti jidhru fuq it-televiżjoni;

Illi llum professjoni mhijiex ristretta għall-periti, tobba u avukati, iżda l-lista kull ma tmur tikber u tirreferi f'dan il-kuntest għal kull vokazzjoni jew sejħa abbinata ma' kors ta' studju, bħal per eżempju ġurnalista, *graphic designer*, fotografu, *film producer* (li taħt l-aħħar tnejn jikklasifika l-attur *nomine*), *advertiser*, *interior decorator* eċċ ... li kollha ma tistax tagħmilhom mingħajr il-kwalifiki neċessarji (b'mod aktar ġenerali mbagħad, professjoni tirreferi għal kull min jaħdem għall-għixien tiegħu jew għall-flus bħal per eżempju *footballer, boxer*, regettier, eċċ ... u anke f'din il-kategorija tidħol il-mara tad-dar);

Illi ma hemmx dubbju illi mill-ħafna dokumenti esebiti u x-xhieda mressqa illi s-sena u nofs jew is-sentejn preskrizzjoni abbażi ta' l-artikoli 2148 (a) u 2149 (ċ) rispettivament qatt ma ġew interrotti mill-attur *nomine* qabel il-preżentata taċ-

*ċitazzjoni relattiva jew b'xi mod kien hemm rikonoxximent tad-*dejn mill-appellanti *nomine* li baqgħu jsostnu li ma għandhomx iħallsu. Għaldaqstant, l-azzjoni ta' l-attur *nomine* hija preskritta bid-dekors taż-żmien imsemmi. F'dan ir-rigward irriżulta mill-provi illi l-*bookings* ma' Xandir Malta biex jiġu trasmessi r-reklami miġbuda sar fil-25 ta' Ġunju, *1987*, it-trasmissjoni fuq it-televiżjoni beda fl-1 ta' Lulju, 1987, u baqa' sejjer sal-15 ta' Lulju, 1987, filwaqt li l-ordni mill-klijent (ċjoè mill-esponent *nomine*) saret f'dik l-epoka "xi tliet ġimgħat qabel" (ara paġ 4 tax-xhieda ta' l-attur ta' l-4 ta' Diċembru, 1991). Irriżulta ukoll mill-provi li l-esponenti *nomine* ma kinux sodisfatti bit-*television commercials* u fil-fatt mill-ewwel oġġezzjonaw għall-kwalità tar-reklami prodotti. U mhux talli l-appellanti *nomine* ma kinux sodisfatti talli bl-aktar mod kategoriku nfurmaw lill-attur *appellat nomine illi ma kinux bi ħsiebhom iħallsu ta' din* il-kwalità ta' reklami kif jidher mill-ittra tas-6 ta' Lulju, 1988 (dok. AM1 esebit mill-attur *nomine* fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 1993) fejn, *inter alia,* l-attur *nomine* ġie nfurmat illi "... *before these productions are done to our satisfaction, we will not pay the amount due*". Żgur b'hekk ġie eliminat kull ekwivoku dwar pagament;

Illi għalhekk minn dak in-nhar li tlesta x-xogħol ta' *reklamar (fil-15 ta' Lulju, 1987, spiċċaw it-trasmissjonijiet fuq* it-televiżjoni), u żgur mill-ittra tas-6 ta Lulju, 1988 beda jiskatta ż-żmien tal-preskrizzjoni, u l-attur *nomine* minn dak in-nhar kellu jieħu azzjoni imqar billi jinterrompi l-preskrizzjoni b'ittra uffiċjali. Minflok, l-attur *nomine* għażel a riskju tiegħu li ma jiħux passi u fil-fatt l-ewwel att ġudizzjarju li huwa ppreżenta kien iċ-ċitazzjoni odjerna fit-22 ta' Mejju, 1991;

Illi t-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti *nomine* bla *preġudizzju għall-ewwel aggravju, huwa fil-meritu u hu li l-*ġbid tar-reklami ma sarx skond is-sengħa u l-arti, u għalhekk abbażi ta' l-eċċezzjoni *exceptio non rite adempleti contractus* l-

ebda ammont mhu dovut lill-attur *nomine*. Fil-kawża fl-ismijiet **Mallia** *vs* **Fonk** (deċiża fl-24 ta' Jannar, 1975, Appell) u f'hafna każi oħra ġie stabbilit illi l-ebda ħlas mhu dovut meta x-xogħol ma jiġix esegwit skond is-sengħa u l-arti partikolarment meta x-xogħol difettuż ikun ta' ċerta serjetà li ma jistax jiġi rrimedjat;

*Illi rriżulta mill-provi (ara x-xhieda ta' l-attur nomine* stess ta' l-4 ta' Diċembru, 1991) illi mill-ewwel, sa mill-*preview* stess lill-klijenti, qabel ma ntwerew għalhekk fuq it-televiżjoni, l-esponenti *nomine* urew id-diżapprovazzjoni tagħhom għall-*kwalità tal-commercials miġbuda. L-attur xehed "meta x-xogħol* ġie muri lil Lawrence Fino dan deher li ma tantx kien kuntent bix-xogħol tagħna" (ara paġna 3 tax-xhieda ta' l-attur ta' l-4 ta' Diċembru, 1991), u "gerger xi ftit" (paġna 5 ta' l-istess xhieda) "u *aħna aċċettajna illi nagħmlulu xi kambjamenti li xtaq il-*klijent". Lawrence Fino ukoll jikkorrobora lill-attur u jgħid illi appena ra l-*commercials* fil-*preview* tagħhom fuq *monitor* żgħir (mingħajr lanqas biss tawh *video* tagħhom), u qabel ma ntwerew *fuq it-televiżjoni, mill-ewwel ma għoġbux (ara paġna 2 tax-*xhieda ta' Lawrence Fino tad-9 ta' Diċembru, 1992). L-attur *nomine* irrealizza ukoll li x-xogħol ma kienx sodisfaċenti u pprova jserraħ ras il-klijent billi jipprova jaċċertah illi fuq it-*televiżjoni*, fuq *screen* akbar *tat-televiżjoni, u bil-mużika, l-*produzzjoni kienet ser tkun differenti. Effettivament ġara però illi meta r-reklami bdew jidhru fuq it-televiżjoni, il-klijenti baqgħu ta' l-istess fehma u mill-għajn ta' bniedem li riedu jirreklamaw l-għamara *tagħhom dehrilhom illi r-reklami "kienu* xooi (*sic*) wisq ... ma kinux preżentabbli li jagħmlu ġid lill-kumpannija kien hemm nuqqas ta' professjonalità fix-xogħol tal-fotografija". U anke Wallace Fino ddeskriva l-*commercials* bħala "ma kellhomx *preżentazzjoni tajba, ma kinux up to standard* u ma kinux tal-livell li tistenna ... reklam malli taraħ tista' tgħid jekk hux tajjeb jew le. Jekk jolqot l-għajn ikun tajjeb, jekk le ma jkunx". L-esponenti *nomine* jagħmlu ħafna reklami ta' l-għamara *tagħhom u għalhekk jistgħu*

jindividwalizzaw reklam tajjeb aktar minn iehor. U f'dan il-każ anke n-nies li raw ir-reklami fuq it-televiżjoni ġibdulhom l-attenzjoni li dawn ir-reklami kienu fjask, u kien mill-ewwel għalhekk li l-esponenti *nomine* ordnaw lill-attur *nomine* biex iwaqqaf it-trasmissjoni tal-*commercials* minn fuq it-televiżjoni, ħaġa li mbagħad apparentement kienet tard wisq la darba l-ispazju kien ibbukkjat. Fi kwalunkwe każ, l-attur appellat *nomine* messu ma bbukkjax l-ispazju la darba l-klijent ma kienx kuntent u meta wera d-disapprovazzjoni tiegħu għall-kwalità ta' l-iffilmjar meta kien ġie muri l-*preview* ta' l-istess fuq *monitor* żgħir;

Illi l-attur appellat *nomine* stess jammetti fix-xhieda tiegħu li kien *hemm xi ħaġa ħażina fil-produzzjoni*, liema *difetti żgur* ma jistgħux jiġu kkonsiderati bħala lievi, tant li huwa stess aċċetta li jagħmel xi kambjamenti li xtaq il-klijent (ara paġna 3 tax-xhieda ta' l-attur fis-seduta ta' l-4 ta' Diċembru, 1991), u tant ukoll li l-attur *nomine* ta skont konsiderevoli u kkondizzjonat ta' Lm387 liema skont ġie anke meħud in konsiderazzjoni mill-Ewwel Onorabbli Qorti fid-deċiżjoni tagħha;

Illi għall-produzzjoni ħażina l-attur *nomine* pprova ukoll iġib l-iskuża li fix-*showroom* tal-konvenuti *nomine* sab "ċerti limitazzjonijiet" biex ikun jista' jaħdem". Kieku kien verament hekk, l-attur *nomine* kien imissu almenu ġab dan għall-attenzjoni tal-konvenuti *nomine* u mhux jiġi jsemmiha issa, apparti l-fatt illi żmien qabel, ċjoè fl-1981, fl-istess *showroom* tas-soċjetà konvenuta kien sar iffilmjar ta' *commercials* ta' kċejjen u kmamar tas-sodda mill-istess attur *nomine* u r-riżultat kien sodisfaċenti u tajjeb ħafna. L-attur *nomine* sa anke pprova jixħet tort lill-esponenti *nomine* li xogħolhom hu li jimmanifatturaw l-għamara talli dawn sempliċement kienu preżenti waqt l-iffilmjar!;

Illi l-ittra tas-6 ta' Lulju, 1988 (dok AM) mibghuta mill-esponenti *nomine* lill-attur *nomine* tikkontradiċi ghall-aħħar dak li xehed l-attur (ara paġna 7 tax-xhieda tiegħu ta' l-4 ta' Diċembru, 1991): "... il-konvenuti qatt ma rrifjutaw illi jħallsu l-kont tagħna" meta l-istess ittra tgħid, fit-tielet paragrafu: "... *would like to inform you that before these productions are done to our satisfaction, we will not pay the amount due*";

Illi finalment ghandu jiġi rrilevat illi bejn il-kontendenti kien hemm relazzjonijiet *tajba ta' xogħol ta' pubbliċità u l-attur nomine* qatt ma kellu l-iċken problema ta' pagament għal ħafna xogħol ieħor li kien sar qabel. Anke Lawrence Fino li jaf iħallas biex ikollu xogħol tajjeb qal illi l-kwistjoni ma kinitx waħda ta' flus iżda ried produzzjoni tajba ta' reklami biex jagħti pubbliċità lill-għamara li huwa jipproduċi. U la darba kien ser iħallas flus tant tajba għandu d-dritt li jesiġi xogħol komplet u sodisfaċenti;

Illi ukoll assolutament bla preġudizju għall-premess, it-tielet aggravju jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjeż ta' dina l-kawża li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet li għandhom jitħallsu kollha mill-konvenuti *nomine*. Qed jiġi sottomess però illi la darba l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet waħda *mit-talbiet tas-soċjetà* attriċi, u ċjoè li tiddikjara li l-konvenuti *nomine* iddekadew mid-*discount* offert, u spiċċat biex illikwidat l-ammont dovut lill-attur appellat *nomine* s-somma ta' Lm903 minflok dik mitluba ta' Lm1,290, jiġifieri allura l-Ewwel Onorabbli Qorti llikwidat kważi terż (1/3) anqas u ċjoè s-somma ta' Lm387 anqas minn dak mitlub, kellu jkun hemm ukoll temperament relattiv fil-kap ta' l-ispejjeż u mhux jiġu akkollati kollha lill-esponent *nomine*. Għalhekk, l-ispejjeż tal-kawża kellhom jiġu rregolati skond ir-rebħ u t-telf biex f'dan il-każ għalhekk terz mill-ispejjeż tal-kawża ibatihom *l-attur appellat nomine*;

Illi l-aggravju ta' l-attur *nomine* li appella inċidentalment huwa li d-*discount* ta' Lm387 li huwa kien offra lis-soċjetà konvenuta għandu jiġi kkunsidrat fl-ispirtu li kien ġie offert, ċjoè biex isir il-ħlas malajr tal-prezz bilanċjali mill-konvenuti ma ġie qatt aċċettat bħala tali mill-konveuti *nomine* ma kien jifforma ebda obbligazzjoni kuntrattwali, (lanqas unilaterali, għax il-kundizzjoni tal-ħlas bonarju ma avverratx ruħha). Una volta l-affari spiċċat il-Qorti, l-iskont spiċċa l-iskop u l-bażi tiegħu;

Il-Qorti sejra tgħaddi biex l-ewwel teżamina l-aggravji dedotti mill-konvenuti appellanti mbagħad dawk ta' l-attur għar-rigward ta' l-appell inċidentali intavolat minnu. Wara dan, ser jiġi kkunsidrat l-aggravju l-ieħor dedott mill-appellanti dwar il-kap ta' l-ispejjeż;

L-appellanti jsostnu li l-azzjoni oderjna hija perenta jew bil-preskrizzjoni kkontemplata bl-artikolu 2148 (a) jew b'dik ta' l-artikolu 2149 (ċ) tal-Kodiċi Ċivili, rispettivament ta' sena u nofs u ta' sentejn;

L-appellanti ssottomettew li s-soċjetà attriċi hija persuna li taħdem sengħa jew arti mekkanika skond l-artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi ġà ċitat. Is-subartikolu (4) ta' l-artikolu in diżamina jipprovdi li jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmintax-il xahar, l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arloġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika għall-prezz ta' l-opri jew xogħlijiet tagħhom jew tal-materjal li jfornu;

Kif sewwa qalet is-sentenza appellata s-soċjetà attriċi tagħti servizz dwar reklamar; *public relations* u *marketing*. Fil-każ odjern l-inkariku li ngħatalha mis-soċjetà konvenuta kien li taħseb għall-produzzjoni ta' ħames *films* televiżivi qosra biex

jirreklamaw mal-pubbliku kċejjen u kmamar tas-sodda manifatturati minnha, kif ukoll li tibbukkja spazju televiżiv partikolari għat-trasmissjoni tar-reklami fuq it-*television* malti u li tara li t-trasmissjonijiet jiġu debitament imxandra. L-Ewwel Onorabbli Qorti mbagħad ikkonkludiet li "dan it-tip ta' servizz mitlub u mogħti mis-soċjetà attriċi la huwa affini għas-snajja' li jissemmew fis-subartikolu (a) u lanqas jista' raġonevolment jiġi inkluż fil-frażi "ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika";

Fil-fehma ta' din il-Qorti s-sentenza appellata tat interpretazzjoni korretta billi s-servizz reż mis-soċjetà attriċi ma jistax jingħad li jikkostitwixxi "sengħa" jew "arti mekkanika";

Għalhekk ma tapplikax għall-azzjoni odjerna l-preskrizzjoni in diżamina tas-subartikolu (a) ta' l-artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat dwar il-preskrizzjoni l-oħra invokata mill-appellanti a tenur *tas-subartikolu (ċ) ta' l-artikolu 2149 tal*-Kodiċi Ċivili;

Is-sentenza appellata ukoll korrettement ikkunsidrat li s-serviġi reżi lis-soċjetà konvenuta ma jistgħux jiġu kkunsidrati li *jekwivalu għal xogħol professjonali jew eżerċizzju ta' arti* liberali fis-sens ta' l-artikolu 2149 (ċ) kif joħroġ mill-elenku tal-professjonijiet li jissemmew f'dik id-disposizzjoni. Kif sewwa ssottometta l-attur *nomine* appellat is-soċjetà attriċi hija aġenzija ta' reklamar, hija dik magħrufa bħala *service industry* u la hija professjoni u lanqas artista. Hija timpjega nies oħra, bħal ma huma fotografi, però s-servizz li toffri hi hu dak ta' reklamar u hija soċjetà kummerċjali. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-attività kummerċjali ma tistax tiġi kkunsidrata bħala professjoni jew arti liberali;

Hija korretta ukoll *l-enunċjazzjoni li* għamlet is-sentenza appellata li f'materja ta' preskrizzjoni d-disposizzjonijiet talliġi li jirregolawha ma għandhomx jiġu interpretati estensivament minn każ għall-ieħor;

Għalhekk l-azzjoni oderjna lanqas mhi kolpita bilpreskrizzjoni ta' l-artikolu 2149 (ċ) tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkonsidrat dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine* li t-talbiet huma nfondati peress *li l*-ġbid tat-*television commercials* ma sarx skond is-sengħa u l-arti;

Fil-fehma tagħha, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet evalwazzjoni korretta tal-provi akkwiżiti meta ċaħdet din l-eċċezzjoni u dan peress li kien jinkombi lis-soċjetà konvenuta li tipprova l-allegazzjoni tagħha li r-reklami ma sarux skond is-sengħa u l-arti. Is-soċjetà konvenuta naqset li tagħmel dan. Din il-Qorti taqbel pjenament ukoll mal-motivazzjonijiet l-oħra tas-sentenza appellata *li induċew lill-Ewwel Onorabbli Qorti tasal* għad-deċiżjoni tagħha dwar l-eċċezzjoni in diżamina;

Għalhekk anke din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda;

Ikkunsidrat l-appell inċidentali;

Mid-dokument B a fol. 6 tal-proċess esebit mill-attur *nomine* stess jirriżulta li l-*credit note* tad-19 ta' Jannar, 1989, kuntrarjament għal dak li jallega l-attur *nomine* ma ġiet suġġetta għal ebda kondizzjonijiet. U waqt li l-attur issottometta li offra d-*discount* in kwistjoni biex il-bilanċ jitħallas malajr, jirriżulta mid-dok. D (a fol. 8 u 9 tal-proċess), li hija ittra interpellatorja datata 9 ta' Ottubru, 1990, li għalkemm kien għadda żmien konsiderevoli mid-data tal-*credit note* fuq irriferita, xorta waħda baqa' jingħata d-*discount* ta' Lm387 mill-bilanċ dovut. Din il-

Qorti tifhem li kieku kien minnu li d-*discount* kien ingħata bil-kondizzjoni li jsir il-ħlas tal-bilanċ malajr, id-*discount* kien jiġi rtirat u mhux jibqa' jiġi konċess żmien konsiderevoli wara meta l-ħlas baqa' ma sarx;

Għalhekk l-appell inċidentali mhuwiex fondat billi kif sewwa qalet is-sentenza appellata la darba l-iskont ġie mogħti inkondizzjonatament ma jistax jiġi rtirat;

Ikkunsidrat dwar il-kap ta' l-ispejjeż;

L-appellanti ddeduċew ukoll aggravju li jirrigwada l-kap ta' l-ispejjeż. Huma ssottomettew li billi l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet waħda mit-talbiet tas-soċjetà attriċi, u ċjoè dik biex tiddikjara illi l-konvenuti *nomine* ddekadew mid-*discount* offert u llikwidat l-ammont dovut lill-attur *nomine* appellat is-somma ta' Lm903 flok dik mitluba ta' Lm1,290, jiġifieri ġie llikwidat kawżi terz inqas minn dak mitlub, kellu jkun hemm temperament relattiv fil-kap ta' l-ispejjeż u mhux jiġu akkollati kollha lill-konvenuti;

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa fondat billi huwa ġust li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjeż skond ir-rispettiv rebħ u telf, kif ser jiġi deċiż;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi dwar l-appell prinċipali tal-konvenuti *nomine* billi tiċħad l-aggravji dedotti fil-meritu u tilqa' l-aggravju dedott fuq il-kap ta' l-ispejjeż, u tiċħad l-appell inċidentali ta' l-attur *nomine* appellat u konsegwentement tiddisponi mill-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu u tirriformaha kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż, billi tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu sopportati kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuti *nomine* appellanti u kwantu għal terz (1/3) mill-attur nomine appellat.